PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Programm Elettorali

# Malta fid-Dinja

Politika barranija serja, kredibbli u ambizzjuża

Nifs Ġdid

## Nifs Ġdid. Dan hu l-mument, tiegħek.

Din il-kampanja elettorali hija mibnija fuq wegħda ċara: b'dak li qed nipproponu rridu li nagħtu nifs ġdid lil Malta u Għawdex. Nifs ġdid lilek.

Fix-xhur li għaddew iltqajt ma' ħafna minnkom fid-djar, fil-pjazez u fuq il-postijiet tax-xogħol. Smajt it-tamiet, u l-aspirazzjonijiet tagħkom. Fuq kollox, fhimt kemm tħobbu lil pajjiżna. Bħalkom, jien kburi li jien Malti, u nemmen li flimkien nistgħu nibnu Malta u Għawdex li jistħoqqlok, li jistħoqqilhom uliedna.

Fil-programm elettorali qed nispjegaw kif nifs ġdid ifisser pajjiż li jerġa' jaħdem għan-nies: fejn inti jkollok aktar serħan il-moħħ, politika li tagħti futur liż-żgħażagħ f'pajjiżna, l-anzjani jgħixu bid-dinjità, u l-ħaddiema jkollhom paga aħjar. Nifs ġdid ifisser ukoll ekonomija ġusta fejn is-sidien tan-negozji jsibu gvern li jgħinhom u mhux li jfixkilhom, kura tas-saħħa fil-pront, edukazzjoni li tħejji għad-dinja ta' għada, sistema tat-trasport effiċjenti biex int ma tinqabadx fit-traffiku, kontijiet orħos u ambjent nadif li jagħtik nifs tajjeb għal saħħtek. Nifs ġdid ifisser ukoll Għawdex bħala reġjun b'potenzjal enormi li joffri futur lill-Għawdxin u jibqa' ġawhra għall-Maltin

Dan il-kapitlu, flimkien mal-bqija tal-programm elettorali, jippreżenta pjan ċar u realistiku biex inwettqu din il-viżjoni. Proposti konkreti biex intejbu l-ħajja tiegħek u nagħtu direzzjoni aġġornata lill-pajjiż.

Dan huwa l-impenn tagħna miegħek.
Flimkien nistgħu nagħtu lil Malta nifs ġdid.

**Alex Borg**
Kap tal-Partit Nazzjonalista



# Politika barranija serja, kredibbli u ambizzjuża

Malta fid-Dinja

Malta jeħtieġ terġa' tikseb – minkejja li pajjiż ġeografikament ċkejken – ambizzjoni kbira. F'pajjiżna u lil hinn minn xtutna, irridu nitkellmu b'vuċi soda, serja u kredibbli. Hekk biss nirbħu l-fiduċja ta' mexxejja oħra u nkunu rispettati meta npoġġu fuq il-mejda tad-deċiżjonijiet – deċiżjonijiet li jaffettwaw lill-familji, l-impjiegi u l-futur ta' pajjiżna.

Il-politika barranija tagħna hi bbażata fuq il-liġi internazzjonali, ir-rispett tas-sovranità tal-pajjiżi kollha u l-impenn favur il-paċi, id-djalogu u l-kooperazzjoni. Dan kollu b'rispett lejn in-newtralità Kostituzzjonali ta' pajjiżna – newtralità Kostituzzjonali li ma tfissirx passività. Hi qafas li tippermetti lil Malta tkun attiva, impenjata u influwenti f'dak kollu li jsaħħaħ is-sigurtà, l-istabbiltà u l-prosperità tagħna, sakemm ma jinħolqux obbligi ta' difiża kollettiva jew li f'pajjiżna jkollna bażijiet militari.

Pjan ta' Azzjoni

# Politka barranija marbuta direttament mal-ġid tal-familji u l-ħolqien tal-impjiegi

Malta trid tkun magħrufa bħala sieħeb affidabbli, ġurisdizzjoni rispettata u ċentru tan-negozju bi standards għoljin - għall-innovazzjoni, is-servizzi, il-kummerċ u l-intrapriża. F'dinja aktar kompetittiva u diġitali, irridu ekonomija aktar reżiljenti, aktar innovattiva u inqas dipendenti fuq mudelli ta' tkabbir ta' volum baxx. Irridu ngħinu lill-intrapriżi Maltin u Għawdxin jikbru barra minn xtutna, noħolqu ekosistema li tappoġġa t-talent u r-riċerka, u nallinjaw l-iżvilupp ekonomiku mal-interess nazzjonali u l-kwalità tal-ħajja.

Proposta Ewlenija 01

# Malta bħala Stat żgħir iżda b'ambizzjoni kbira

Gvern ġdid Nazzjonalista jorbot il-politika barranija ta' pajjiżna direttament mal-ġid tal-familji, mal-kwalità tal-impjiegi u mal-prosperità tan-negozji. Niżguraw politika barranija li tiftaħ bibien ġodda għall-kummerċ, tattira investiment ta' kwalità, u tibni relazzjonijiet ekonomiċi bbażati fuq il-fiduċja, is-serjetà u l-valur miżjud.

Malta trid tkun pajjiż protagonista, immexxija bil-prudenza, skont prinċipji sodi, u bil-fehma li l-aħjar jinsab quddiemna.

## Aktar Proposti

### 02. Vuċi ċara konformi man-newtralità Kostituzzjonali

Niżguraw politika barranija li verament tħares in-newtralità Kostituzzjonali, daqskemm politika barranija li tkun attiva, impenjata u kapaċi tieħu pożizzjonijiet ċari favur il-liġi internazzjonali, is-sovranità tal-Istati u l-protezzjoni tan-nies.

### 03. Influwenza intelliġenti għal stat żgħir

Nibnu mudell ta' diplomazija intelliġenti li juża d-daqs ta' Malta bħala vantaġġ: flessibbiltà, speċjalizzazzjoni u kapaċità li tlaqqa' nies madwar mejda.

### 04. Kunsens nazzjonali fil-politika barranija u Ewropea

Noħolqu qafas konsultattiv permanenti dwar il-politika barranija u Ewropea biex niżguraw kontinwità u serjetà.

### 05. White Paper dwar ir-riskji ġeopolitiċi

Kull sentejn inressqu White Paper dwar riskji dinjin li jolqtu lil Malta.

### 06. Malta bħala pont ta' djalogu fil-Mediterran

Nippożizzjonaw lil Malta bħala pjattaforma ta' medjazzjoni u taħdidiet Mediterranji.

### 07. Preżenza diplomatika strateġika

Nirristrutturaw in-network diplomatiku skont prijoritajiet ekonomiċi u strateġiċi.

### 08. Diplomazija b'kejl tar-riżultati

Nistabbilixxu miri annwali u kejl ċar tar-riżultati għal kull missjoni diplomatika.

### 09. Difiża tad-demokrazija u s-saltna tad-dritt

Nerġgħu nibdew nagħtu prijorità lill-valuri fundamentali Ewropej bħad-demokrazija, is-saltna tad-dritt u l-libertà tal-istampa, u naħdmu ma' Stati oħra biex nikkontribwixxu favur it-tisħiħ tal-governanza demokratika fl-UE u fil-pajjiżi kandidati għal sħubija.

# Malta fl-Unjoni Ewropea

### 10. MEUSAC u l-Kumitat Parlamentari

Nerġgħu inniedu il-ħidma ta' MEUSAC u tal-Kumitat Permanenti dwar l-Affarijiet Barranin u Ewropej fil-Parlament. Fl-aħħar 13-il sena, il-Gvern Laburista ma kienx kapaċi jħares biżżejjed l-interessi ta' pajjiżna u taċ-ċittadini Maltin u Għawdxin f'fora internazzjonali f'oqsma kruċjali bħat-trasport, l-ambjent u l-aċċess għall-mediċini.

### 11. Aktar ħidma fil-Parlament Malti

Nerġgħu nagħtu rwol aktar strutturat lill-Parlament Malti fil-politika Ewropea.

### 12. Difiża tal-kompetittività tas-servizzi

Niddefendu l-interessi Maltin fis-servizzi speċjalizzati.

### 13. Protezzjoni tal-prodotti tradizzjonali Maltin

Niżguraw li l-prodotti tradizzjonali Maltin jiġu rreġistrati għal-livelli kollha ta' protezzjoni Ewropea disponibbli.

## 14. Task force dwar il-leġiżlazzjoni strateġika

Inniedu minn kmieni diskussjonijiet Ewropej biex ninfluwenzaw regoli ġodda li jistgħu jaffettwawna b'mod sproporzjonat.

## 15. Alleanzi ma' Stati żgħar u medji

Nibnu alleanzi ma' Stati żgħar u medji fuq diversi dossiers komuni.

## 16. Malta tkun lesta għall-Presidenza tal-UE 2030

Nippreparaw bis-serjetà għall-Presidenza tal-UE 2030 bi strateġija nazzjonali mfassla mal-Oppożizzjoni.

## 17. Salvagwardji fit-Trattati tal-UE

Gvern ġdid Nazzjonalista jiżgura li jiddefendi s-salvagwardji fit-Trattati tal-UE, meta meħtieġ.

## 18. Kooperazzjoni aktar attiva

Nikkooperaw bis-sħiħ għal politika barranija Ewropea aktar effettiva waqt inizjattivi għal dan il-għan.

## 19. In-newtralità Kostituzzjonali tagħna fl-UE

Inkomplu nikkontribwixxu għall-politika tas-sigurtà u tad-difiża tal-UE b'mod kompatibbli man-newtralità Kostituzzjonali tagħna.

## 20. Parteċipazzjoni f'oqsma tas-sigurtà mhux offensivi

Nikkontribwixxu f'oqsma tas-sigurtà bi protezzjoni ċivili, reżiljenza diġitali, ħidma kontra t-theddid ibridu, sigurtà marittima u riċerka mhux offensiva.

## 21. Malta: il-vuċi tar-reġjun dwar it-tibdil fil-klima

Malta tixpruna l-pajjiżi ġirien tagħha biex jitkellmu b'vuċi waħda u bi front wieħed dwar l-urġenza tal-effetti tat-tibdil tal-klima fuq l-ekonomiji u s-socjetajiet fiċ-ċentru tal-Mediterran.

## 22. Relazzjonijiet transatlantiċi

Nappoġġaw relazzjonijiet aktar b'saħħithom bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Uniti f'oqsma mhux militari bħall-kummerċ, it-teknoloġija u r-reżiljenza ekonomika.

## 23. Appoġġ għall-proċess ta' tkabbir tal-UE

Nappoġġaw il-proċess ta' tkabbir tal-Unjoni Ewropea għall-pajjiżi tal-Balkani tal-Punent u dawk li għażlu t-triq Ewropea, diment li dawn ikunu jissodisfaw il-kriterji kollha tas-sħubija.

## 24. Protezzjoni mid-diżinformazzjoni u l-indħil barrani

Naħdmu mal-UE biex tissaħħaħ il-protezzjoni tal-elezzjonijiet u l-istituzzjonijiet mid-diżinformazzjoni, mill-attakki ċibernetiċi u mill-indħil barrani.

# Il-Mediterran, l-Afrika u l-viċinat

## 25. Strateġija Mediterranja ġdida

Nadottaw strateġija b'objettivi relatati mas-sigurtà marittima, il-kummerċ, il-klima, l-enerġija u l-mobbiltà.

## 26. Forum Malta-Mediterran-Afrika

Norganizzaw forum annwali li jgħaqqad lil gvernijiet jew kapijiet ta' Stati, lil portijiet, lil intrapriżi u lil investituri.

## 27. Relazzjonijiet strateġiċi mal-Libja, it-Tuneżija u l-Italja

Insaħħu l-kooperazzjoni mal-Libja, it-Tuneżija u l-Italja fejn jidħlu s-sigurtà, il-kummerċ u s-salvataġġ.

## 28. Sħubiji fuq l-enerġija, l-ilma, l-ikel u l-klima

Naħdmu ma' sħabna tal-Mediterran biex nistabbilixxu soluzzjonijiet għall-isfidi ambjentali Mediterranji, inkluż tal-enerġija u t-tniġġiż tal-baħar u tal-arja.

## 29. Governanza Ewropea tal-migrazzjoni

Nappoġġaw sistema Ewropea li tgħaqqad il-kontrolli effettivi, il-ġlieda kontra t-traffikar tal-persuni, u mogħdijiet legali u trasparenti għall-ħaddiema.

## 30. Diplomazija klimatika fil-Mediterran

Naħdmu biex il-Mediterran isir reġjun ta' kooperazzjoni klimatika fuq il-protezzjoni tal-baħar, l-enerġija rinovabbli u l-immaniġġjar tar-riżorsi naturali.

# Sigurtà, liġi internazzjonali u reżiljenza

## 31. Direzzjoni ċara favur il-liġi internazzjonali

Malta tkejjel l-azzjonijiet ta' Stati kbar u Stat żgħar bl-istess kejl.

## 32. Reżiljenza tal-katini tal-provvista u l-affarijiet essenzjali

Flimkien mal-pajjiżi sħab, nidentifikaw prodotti kritiċi u noħolqu pjan biex dawn il-prodotti qatt ma jkunu neqsin minn pajjiżna. Nibnu sħubiji strateġiċi għal enerġija sigura, teknoloġiji nodfa u provvisti reżiljenti.

## 33. Diplomazija ċibernetika

Flimkien mal-pajjiżi sħab, nibnu unità speċjalizzata dwar in-normi diġitali u l-infrastruttura kritika.

## 34. Reżiljenza kontra t-theddid u l-indħil barrani

Flimkien mal-Istati Membri tal-UE, insaħħu s-sistemi ta' verifika f'setturi kritiċi.

## 35. Id-diplomazija tax-xjenza u tal-arti

Flimkien mal-entitajiet ikkonċernati, noħolqu programmi speċifiċi dwar id-diplomazija tax-xjenza u tal-arti

## 36. Servizz konsulari modern

Nimmodernizzaw is-servizzi konsulari b'portal uniku u pjanijiet ta' emerġenza.



## 37. Skrutinju tal-investiment barrani

Nappoġġaw mekkaniżmi Ewropej aktar b'saħħithom biex jiġi skrutinizzat l-investiment barrani f'infrastruttura kritika u teknoloġija sensittiva.

## 38. Reżiljenza kontra theddid ibridu

Nikkontribwixxu favur il-qbid u l-ġlieda kontra t-theddid ibridu, inkluż il-pressjoni ekonomika u l-manipulazzjoni tal-informazzjoni.

## 39. Diplomazija umanitarja

B'ħidma sfiqa, nappoġġaw rispons umanitarju Ewropew aktar effettiv għall-kriżijiet dinjin.

# Aċċess għas-swieq u diplomazija ekonomika

## 40. Kompetittività u s-suq Ewropew

Innaqqsu l-piżijiet burokratiċi billi nissimplifikaw il-proċessi amministrattivi u nnaqqsu d-dewmien, inħaffu l-implimentazzjoni tar-regolamenti b'koordinazzjoni aħjar bejn l-entitajiet, u nsaħħu l-parteċipazzjoni fis-Suq Diġitali Uniku biex in-negozji Maltin ikunu jistgħu joperaw b'mod aktar effiċjenti u kompetittiv madwar l-UE.

## 41. Trade desks barra minn Malta

Niftħu trade desks tematiċi f'hubs barranin, b'fokus fuq setturi speċifiċi, biex nappoġġaw lill-kumpaniji Maltin jidentifikaw opportunitajiet u jibnu relazzjonijiet kummerċjali ġodda.

## 42. Malta fil-World Trade Organisation (WTO)

Insaħħu l-kapaċità teknika ta' Malta fil-WTO biex inkunu nistgħu nipparteċipaw b'mod aktar effettiv fid-diskussjonijiet u niddefendu l-interessi nazzjonali.

## 43. Sħubija strateġika għal swieq ġodda

Nikkoordinaw ir-riżorsi lejn swieq magħżula b'mod strateġiku, biex inżidu l-preżenza kummerċjali ta' Malta u niffukaw fuq opportunitajiet konkreti ta' tkabbir.

## 44. SMEs lesti għall-esportazzjoni

Biex pajjiżna jkun aħjar fix-xenarju dinji, fi żmien tliet snin nintroduċu sistema ta' pariri personalizzati għall-SMEs, biex ikunu jistgħu jħejju ruħhom aħjar għall-esportazzjoni u jtejbu l-kompetittività tagħhom.

## 45. Appoġġ għall-brands Maltin

Inniedu Fond speċjali biex noħolqu marki kummerċjali Maltin, b'appoġġ għall-iżvilupp, il-promozzjoni u il-pożizzjonament tagħhom fis-swieq internazzjonali.

## 46. Kumpaniji Maltin kompetittivi

Nassistu lill-kumpaniji biex jipparteċipaw f'sejħiet għall-offerti Ewropej, inkluż bi gwida u appoġġ biex jifhmu u jilħqu r-rekwiżiti meħtieġa.

## 47. Missjonijiet kummerċjali immirati

Nibdlu l-mudell ta' trade missions għal delegazzjonijiet iżgħar u settorjali, biex ikunu aktar iffokati u effettivi fil-ħolqien ta' opportunitajiet kummerċjali konkreti.

## 48. Ftehimiet ekonomiċi li jiftħu l-bibien tal-opportunitajiet

Nidentifikaw u nappoġġaw ftehimiet ekonomiċi li jiftħu swieq konkreti, biex in-negozji Maltin ikollhom aċċess aħjar għal opportunitajiet ġodda.

## 49. Awditjar tat-tħejjija għall-esportazzjoni

Nipprovdu awditjar volontarju lill-SMEs biex jevalwaw il-livell ta' tħejjija tagħhom għall-esportazzjoni u jidentifikaw oqsma fejn jistgħu jitjiebu.

## 50. Appoġġ għal ftehimiet kummerċjali Ewropej

Nappoġġaw ftehimiet kummerċjali tal-UE li jiftħu swieq ġodda għall-SMEs Maltin, sakemm dawn ikunu jipproteġu l-istandards Ewropej u jiżguraw kundizzjonijiet kompetittivi ġusti.

## 51. Tmexxija Ewropea fid-diġitalizzazzjoni u l-AI

Nappoġġaw it-tmexxija Ewropea fil-governanza tal-AI u fil-kompetittività diġitali, biex Malta tibqa' timxi paripassu mal-iżviluppi u ssaħħaħ il-pożizzjoni tagħha f'dan il-qasam.

## 52. Koperazzjoni dwar l-infrastruttura taħt il-baħar

Il-ġid ekonomiku ta' Malta jiddependi fuq il-cables taħt il-baħar, il-pipelines u l-konnettività tal-enerġija li jgħaqqduna mal-bqija tal-kontinent u tad-dinja.

Naħdmu sabiex insaħħu l-koperazzjoni, il-qsim tal-informazzjoni u l-monitoraġġ teknoloġiku mas-sħab tagħna fl-UE u fil-Mediterran sabiex nipproteġu din l-infrastruttura kritika, filwaqt li nikkollaboraw flimkien biex niżguraw li din l-infrastruttura diġitali u tal-enerġija tagħna, jibqgħu siguri, reżiljenti u protetti minn kull tfixkil.

PARTIT NAZZJONALISTA

Nifs Ġdid

Dan hu l-mument tiegħek